



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 180/23

Il-Lussemburgu, 23 ta' Novembru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-351/22 | Neves 77 Solutions

Avukata Ġenerali Ċapeta: Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta dispożizzjonijiet ġenerali ta' miżura ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea sempliċement sabiex tiċċara s-sinjifikat tagħhom

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta drittijiet u prinċipji fundamentali tal-Unjoni sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-legalità ta' miżuri nazzjonali li jimplimentaw il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni

Neves 77 Solutions hija kumpannija attiva fir-rigward tas-senserija fil-bejgħ ta' prodotti fil-qasam tal-avjazzjoni. Fl-2020, l-Aġenzija Nazzjonali Rumena tal-Amministrazzjoni Fiskali tat lil Neves multa ta' madwar EUR 6 000 u kkonfiskat madwar EUR 3 miljuni li jirrappreżentaw is-somom li Neves kienet irċeviet minn tranżazzjoni ta' senserija li tinvolvi l-provvista ta' settijiet tar-radju mmanifatturati fir-Russja lil kumpannija Indjana. Hija qieset li Neves kienet kisret il-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra r-Russja introdotti permezz ta' Deċiżjoni ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-Kunsill ¹, kif ukoll tal-miżuri ta' implimentazzjoni tar-Rumanija.

Il-Qorti tal-Appell Rumen, li kienet qed tiddeċiedi dwar l-azzjoni ppreżentata minn Neves, staqsiet jekk il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni jmorrux kontra d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija kellha wkoll dubji dwar jekk id-Deċiżjoni ta' PESK inkwistjoni tapplikax għal sitwazzjoni fejn l-oġġetti qatt ma jkunu ġew importati għewwa l-Unjoni. Għaldaqstant ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Flimkien mal-kawża magħquda C-9/22 P u C-44/22 P, KS u KD vs Il-Kunsill *et*, li fir-rigward tagħhom l-Avukata Ġenerali Ċapeta wkoll tat il-konklużjonijiet tagħha llum (Stqarrija għall-Istampa Nru 179/23), din il-kawża tqajjem kwistjonijiet importanti dwar il-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK stabbiliti mit-Trattati.

Fil-konklużjonijiet tagħha, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tisħaq li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex tinterpreta drittijiet fundamentali u prinċipji tal-Unjoni anki jekk l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun rilevanti għall-evalwazzjoni minn qorti nazzjonali dwar il-legalità ta' miżuri nazzjonali li jimplimentaw il-PESK. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jeskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tinterpreta dispożizzjonijiet ġenerali ta' deċiżjoni ta' PESK sabiex tikkjarifika s-sinjifikat tagħha.

Fuq din il-bażi, l-Avukata Ġenerali teżamina l-miżuri nazzjonali ta' konfiska fid-dawl tad-dritt għal proprjetà. Hija tqis li **miżuri nazzjonali li jipprovdu għall-konfiska tar-rikavat kollu minn tranżazzjoni mwettqa bi ksur ta' deċiżjoni ta' PESK jikkostitwixxu limitazzjoni proporzjonata tad-dritt għall-proprjetà**. Dan huwa l-każ anki jekk il-konfiska tkun konsegwenza awtomatika tan-nuqqas ta' komunikazzjoni tat-tranżazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li

jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK](#) tal-31 ta' Lulju 2014 PESK tal 31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.